Nru. 17,433
Prezz 80c
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2003
Tuesday, 24th June, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 526

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fit-23 ta' Ġunju, 2003, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

L-24 ta' Ġunju, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 526

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 23rd June, 2003, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

24th June, 2003

Nru. 527

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar is-Sibt, il-21 ta' Ġunju, 2003 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 517 tad-19 ta' Ġunju, 2003 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-23 ta' Ġunju, 2003
(OPM 12/2003)

No. 527

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Saturday, 21st June, 2003 and that the arrangements made by Government Notice No. 517 of the 19th June, 2003, ceased to have effect accordingly.

23rd June, 2003

Nru. 528

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,432 tal-20 ta' Ġunju, 2003.

A.L. Nru. 135 ta' l-2003: Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 528

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,432 of the 20th June, 2003.

L.N. No. 135 of 2003: Budget Measures Implementation Act, 2003 (Act No. II of 2003); Commencement Notice.

24th June, 2003

Nru. 529

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L43/89)

DIKJARAZZJONI TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 6,880 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' xatt il-baħar u hija rreġistrata fuq ir-*records* tal-Gvern bħala *tenement* nru. 52663.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bl-kulur aħmar fuq pjanta L.D. 268/89/1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

No. 529

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the Acting President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

24th June, 2003

DECLARATION BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Birżebbugia:–

1. A plot of land of the area of about 6,880 square metres, bounded on the North and on the West by Government property and on the South and on the East by the sea coast and is registered on Government records as tenement no. 52663.

The abovementioned land is shown marked in colour red on plan L.D. 268/89/1, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 530

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L 285/73/13)

DIKJARAZZJONI TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Ġunju, 1973 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 448, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi biċċa art fil-Marsa tal-kejl ta' 1 Tomna, 4 Sigħan, 0.3 Kejliet (1,878.6 metri kwadri), u tinkludi strutturi rurali, li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ parti ma' proprjetà tal-Mensa ta' l-Arċisqof u parti ma' proprjetà tas-Sorijiet Benedittini, l-Imdina, u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sorijiet Benedittini, l-Imdina, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 112-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, u mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Farmers Central Co-Operative.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u indikata bħala *plot* Nru. 13D fuq pjanta P.D. 129_73_5, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

No. 530

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the Acting President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

24th June, 2003

DECLARATION OF THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General of Malta published in the Government Gazette of the 26th June, 1973 under Notice No. 448, the Governor General had declared that the plot of land at Marsa of the area of 1 Tomna, 4 Sigħan, 0.3 Kejliet (1,878.6 square metres), including rural structures, bounded on the North East and the South East by a public road and on the South West partly by property of the Archbishop's *Mensa* and partly by property of the Benedictine Nuns of Mdina and on the West by property of the Benedictine Nuns of Mdina, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsa:

1. A plot of land of the area of 112 square metres, bounded on the North by a public road, and on the South East and the North West by property of Farmers Central Co-Operative.

The abovementioned land is shown marked in red and indicated as plot No. 13D on plan P.D. 129_73_5, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 531

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L 655/90)

PROKLAMA TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art;

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art;

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà imsemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art;

Skeda

Art f'San Pawl tat-Tarġa, in-Naxxar:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 41 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien idefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 845 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Laferla, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Alister Murray.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 26 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien idefinit f'għalqa - li tifforma parti mill-ġnien ta' "Villa Yvoire" fi Triq Jules Verne - tal-kejl ta' madwar 216-il metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Alister Murray, u min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Alfred Falzon.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 19-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien idefinit f'għalqa - li tifforma parti mill-ġnien ta' "Dar it-Tina l-Ħelwa" fi Triq Jules Verne - tal-kejl ta' madwar 76 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' John Micallef, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Laferla u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Alfred Falzon.

No. 531

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the Acting President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

24th June, 2003

PROCLAMATION OF THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chap. 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights;

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights;

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declares that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights;

Schedule

Land at San Pawl tat-Tarġa, Naxxar:–

1. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 41 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field the area of about 845 square metres, bounded on the North West by Government property, on the North East by property of Anthony Laferla and on the South West by property of Alister Murray.

2. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 26 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field - forming part of the garden of "Villa Yvoire' at Triq Jules Verne - of the area of about 216 square metres, bounded on the North West by property of Alister Murray, and on the South and the South East by property of Alfred Falzon.

3. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 19 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field - forming part of the garden of "Dar it-Tina l-Ħelwa" at Triq Jules Verne - of the area of about 76 square metres, bounded on the North West by property of John Micallef, on the North East by property of Anthony Laferla and on the South West by property of Alfred Falzon.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma mmarkati bħala *items* Nru. 1 sa 3 u murija bil-kuluri blu, aħdar u isfar rispettivament fuq il-pjanta mmarkata L.D. 324/90/A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(IFF) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

The above mentioned lands are shown marked as items No.1 till 3 and shown in blue, green and yellow respectively on plan marked L.D. 324/90/A,which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(SGD) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 532

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L382/65/1)

DIKJARAZZJONI TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fis-Siġġiewi:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 224 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u hija reġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* nru. 50639.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bl-kulur blu fuq pjanta P.D. 85_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

No. 532

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the Acting President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

24th June, 2003

DECLARATION BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Siġġiewi:–

1. A plot of land of the area of about 224 square metres, bounded on the North, on the East and on the South East by Government property and is registered in Government records as part of tenement no. 50639.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 85_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 533

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L1389/63/5)

DIKJARAZZJONI TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fis-Siġġiewi:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,058 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala parti mit-t*enement* nru. 53073.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bl-kulur blu fuq pjanta P.D. 93_95_A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

No. 533

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the Acting President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

24th June, 2003

DECLARATION BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Siġġiewi:–

1. A plot of land of the area of about 3,058 square metres, bounded on the East by a public road and on the North and on the South by Government property and is registered in Government records as part of tenement no. 53073.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 93_95_A, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 534

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-24 ta' Ġunju, 2003
(File No. L 404/89)

PROKLAMA TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), huwa ipprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art;

No. 534

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the Acting President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chap. 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

24th June, 2003

PROCLAMATION OF THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chap. 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights;

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art;

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà imsemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Marsa:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 115 metri twila, 0.76 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,398 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' l-Index Hoisery Limited, u mill-Punent ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur blu filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta mmarkata L.D. 312/89 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(IFF) GEORGE HYZLER
A/President

It-13 ta' Ġunju, 2003

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights;

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declares that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Marsa:–

1. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 115 metres long, 0.76 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field of the area of about 1,398 square metres, bounded on the North and the South by property of Index Hoisery Limited and on the West by a public road.

The above mentioned land is shown in blue whilst the trench is shown in red on plan marked L.D. 312/89 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(SGD) GEORGE HYZLER
A/President

13th June, 2003

Nru. 535

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 535

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joe Camilleri	Direttur *Director*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	25 – 28.06.2003 01 – 08.07.2003

L-24 ta' Ġunju, 2003

24th June, 2003

Nru. 536

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' l-*Unique Promotions*.

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 536

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Friday, 27th June, 2003 from 5.00 p.m. onwards, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public and will be under the control of the Unique Promotions.

24th June, 2003

Nru. 537

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li bejn l-4 u t-12 ta' Lulju 2003 mis-7.45 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-*Malta Amateur Dramatic Club*.

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 537

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that between the 4th and the 12th July 2003 from 7.45 p.m. onwards, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public and will be under the control of the Malta Amateur Dramatic Club.

24th June, 2003

Nru. 538

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, it-28 ta' Ġunju 2003, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna tal-Barrakka ta'Isfel se jkunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Synergix Events.

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 538

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 28th June 2003, from 4.00 p.m. onwards, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Synergix Events.

24th June, 2003

Nru. 539

SCHOOL ARBOR COMMITTEE

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-i*School Arbor Committee*, għas-snin 2003 – 2004, hija komposta kif ġej:-

Chairman
Is-Sur George Fenech

Membri
Is-Sur Vincent Schembri
Is-Sur Emanuel Micallef
Is-Sur Charles Cilia

Segretarju/Membru
Is-Sur Mark Psaila

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 539

SCHOOL ARBOR COMMITTEE

IT is hereby notified for general information that the School Arbor Committee, for the years 2003 – 2004 is composed as follows:–

Chairman
Mr George Fenech

Members
Mr Vincent Schembri
Mr Emanuel Micallef
Mr Charles Cilia

Secretary/Member
Mr Mark Psaila

24th June, 2003

Nru. 540

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika dan il-ħanut tal-merċa li jinsab f'Tas-Sliema li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi bejn Mejju u Ottubru 2003. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

CD/3218/2003/Pt 2	'Sagro Cuor Greengrocer'	32, Triq San Trofimu, Sliema

L-24 ta' Ġunju, 2003

No. 540

TRADING LICENCES ACT
(CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following grocer located at Sliema which is to open during Sundays and other public holidays between May and October 2003. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above regulation.

CD/3218/2003/Pt 2	'Sagro Cuor Greengrocer'	32, Triq San Trofimu, Sliema

24th June, 2003

Nru. 541

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 541

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 184	Francis Gauci	Ever Fresh Green Grocer Shop 3 New Street in Ġużeppa Psaila Street Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.27	07.06.03
CD/3209/2003 Pt 205	Anthony Borg	T & A Woodworks 35 'St. Anthony' Triq ix-Xwieni Albertown Marsa	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	12.06.03
CD/3211/2003 Pt 135	Joe Saliba	Saliba Store 7B St. Joseph High Road Ħamrun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.27	13.06.03
CD/3209/2003 Pt 233	Kenneth Xuereb	64 Triq San Benedittu Kirkop	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33	13.06.03
CD/3209/2003 Pt 222	Carmelo Schembri	Urban Jungle Shop 7, Regent Place Triq Tumas Fenech c/w Triq il-Venerabbli Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale* and retail trade	52.42 52.43	16.06.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 225	Andrew Calleja	Andrew Calleja (Woodworks) 153/154 Qasam Industrijali Luqa	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	16.06.03
CD/3207/2003 Pt 7	Sarah Buttigieg	Sarah's Salon Shop 4, Valley View Apartments Triq Birkirkara San Ġiljan	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	16.06.03
CD/3210/2002 Pt 40	Mary Sciberras	'Starlight' 15 Triq is-Suq Rabat Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.7	17.06.03
CD/3209/2003 Pt 198	Mark Ellul Sullivan	Robert Damkjaer (Malta) Limited UBT 22 Qasam Industrijali San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	17.06.03
CD/3209/2003 Pt 209	Anthony Briffa	Briffa & Xuereb International Funeral Services 25 Triq is-Suq Tarxien	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.03	18.06.03
CD/3209/2003 Pt 221	Anthony Critien	Sigma Coatings (Malta) Ltd KW 24 Kordin Industrial Estate Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	18.06.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

L-24 ta' Ġunju, 2003

24th June, 2003

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF JULY 2003

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
	1 TB Tender Date	2	3	4 TB/MGS Issue of 91 days maturing 3 October 2003 Redemption of 7% MGS 2003 II
7	8 TB Tender Date	9	10	11 TB Issue of 91 days maturing 10 October 2003
14	15 TB Tender Date	16	17	18 TB Issue of 91 days maturing 17 October 2003
21	22 TB Tender Date	23	24	25 TB Issue of 91 days maturing 24 October 2003. Issue of 364 days maturing 24 July 2004

TB denotes Treasury Bills MGS denotes Malta Government Stocks

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.
2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.
3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.
4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.
5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.
6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.
7. With regard to the tenure the following days will apply:

   1 month = 28 days 9 months = 273 days
   3 months = 91 days 12 months = 364 days
   6 months = 182 days

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.
9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.
10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.
11. Only offers with a definite price will be considered.
12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

24th June, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 41

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Sa nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju, 2003, minn parti minn Triq Sarria bejn Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir.

It-traffiku ma jitħallix jgħaddi minn din il-parti tat-triq. Id-devjazzjonijiet isiru skond l-esiġenzi tal-ġurnata.

Hu pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq.

L-24 ta' Ġunju, 2003

POLICE NOTICE

No. 41

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the date and times indicated.

Floriana

Up to Friday, 11th July, 2003 through part of Triq Sarria between Pjazza San Publiju and Triq l-Assedju l-Kbir.

Traffic will not be permitted to pass towards this part of the road. Deviations will be effected according to the exigencies of the day.

No vehicles will be permitted to park along the above mentioned roads.

24th June, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 42

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ġunju, 2003 mill-4.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ħal Bajjada, id-Dingli, iż-Żagħar, Santa Agatha, San Katald, Bir ir-Riebu, Emanuele Vitale, Santa Rita, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl u l-Kbira.

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Lulju, 2003 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Bir ir-Riebu, P. Inguanez, Għeriexem, Emanuele Vitale, Santa Rita, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju, 2003 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: V. Ciappara, San Piju V, Kola Xara, il-Kulleġġ, San Publiju, G. Borg Olivier, San Franġisk, il-Kbira, San Pawl u Misraħ il-Parroċċa.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Lulju, 2003 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: G. Navarra, il-Kbira, San Pawl u Misraħ il-Parroċċa.

POLICE NOTICE

No. 42

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

On Monday, 30th June, 2003 between 4.30 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Ħal Bajjada, id-Dingli, iż-Żagħar, Santa Agatha, San Katald, Bir ir-Riebu, Emanuele Vitale, Santa Rita, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl and il-Kbira.

On Thursday, 3rd July, 2003 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: Bir ir-Riebu, P. Inguanez, Għeriexem, Emanuele Vitale, Santa Rita, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl and il-Kbira.

On Friday, 4th July, 2003 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: V. Ciappara, San Piju V, Kola Xara, il-Kulleġġ, San Publiju, G. Borg Olivier, San Franġisk, il-Kbira, San Pawl and Misraħ il-Parroċċa.

On Saturday, 5th July, 2003 between 6.30 p.m. and midnight through the following streets: G. Navarra, il-Kbira, San Pawl and Misraħ il-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju, 2003 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katarina, San Bastjan, Santu Rokku, il-Kulleġġ, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju, 2003 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: V. Ferreri, il-Virtù, il-Kulleġġ, G. Borg Olivier, il-Konti Ruġġieru, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl, Santu Wistin, is-Saqqajja u l-Kbira.

L-24 ta' Ġunju, 2003

On Sunday, 6th July, 2003 between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. through the following streets: Santa Katarina, San Bastjan, Santu Rokku, il-Kulleġġ, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl and il-Kbira.

On Sunday, 6th July, 2003 between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: V. Ferreri, il-Virtù, il-Kulleġġ, G. Borg Olivier, il-Konti Ruġġieru, Misraħ il-Parroċċa, San Pawl, Santu Wistin, is-Saqqajja and il-Kbira.

24th June, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 43

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf li bejn it-2 ta' Lulju 2003 u t-13 ta' Lulju 2003, bis-setgħat mogħtija sezzjoni 52 (1) ta' l-Ordinanza Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), it-toroq imsemmija hawn taħt għandhom ikunu kklassifikati bħala żona ta' rmonk kif indikat:–

In-Naxxar

Triq il-Markiż Scicluna fuq iż-żewġ naħat tat-triq u Pjazza Chelsea bejn it-2 u t-13 ta' Lulju, 2003.

L-24 ta' Ġunju, 2003

POLICE NOTICE

No. 43

The Commissioner of Police hereby notifies that between the 2nd July 2003 and 13th July 2003, in exercise of the powers conferred by section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the streets mentioned hereunder are to be classified as tow zone as indicated:-

Naxxar

Triq il-Markiż Scicluna on both sides of the road and Pjazza Chelsea between the 2nd and 13th July, 2003.

24th June, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 27 ta' l-2003

Irmiġġjat għal Żmien Indefinit is-Semi-Submersible Rig Actinia

Il-baħħara huma avżati li s-*semi-submersible rig* Actinia ġie rmiġġjat għal żmien indefinit mis-17 ta' Ġunju, 2003 sakemm joħroġ avviż ieħor fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 47'.80	14° 31'.05

Ir-rig huwa rmiġġjat ma' seba' ankri u li tqiegħdu f'forma ta' ċirku.

Żona f'forma ta' ċirku b'raġġ ta' 500 metru ċċentrat fil-pożizzjoni msemmija hawn fuq ġiet stabbilita li fiha l-ebda bastiment ma jitħalla jidħol għall-ebda raġuni.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 2538

L-24 ta' Ġunju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 27 of 2003

Lay Up of Semi-Submersible Rig Actinia

Mariners are advised that the semi-submersible rig ACTINIA has been laid up as from 17 June 2003 until further notice in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 47'.80	14° 31'.05

The rig is moored to 7 anchors and which have been laid in a circular configuration.

A circular zone of radius 500 metres centred on the above position has been established within which no vessel is permitted to enter for any reason whatsoever.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Chart Affected: BA 2538

24th June, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 28 ta' l-2003

Is-Sikka tal-Bajja tal-Mellieħa

Il-baħħara huma avżati li nqered is-sinjal ta' dawl ta' periklu iżolat li kien insab fuq is-sikka tal-Bajja tal-Mellieħa.

Tqieghed *cardinal buoy* mitfi fin-Nofsinhar flimkien ma' *cardinal top marks* fin-Nofsinhar tas-sikka fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35° 58'.29	14° 21'.52

This buoy has been placed temporarily until a new light is installed on the reef.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 2623.

L-24 ta' Ġunju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 28 of 2003

Mellieħa Bay Reef

Mariners are warned that the isolated danger light beacon that was situated on the Mellieħa Bay reef has been destroyed.

An unlit south cardinal buoy with south cardinal top marks has been placed to the south of the reef in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 58'.29	14° 21'.52

This buoy has been placed temporarily until a new light is installed on the reef.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 2623.

24th June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (Paying Authority)* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (Paying Authority)* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi.

2.1. L-applikanti magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Programme Manager (Paying Authority),* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Programme Manager (Paying Authority)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk l-applikanti magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi, is-servizz tagħhom mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Ministeru tal-Finanzi u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Programme Manager (Paying Authority) in the Department of International Relations, Ministry of Finance and Economic Affairs

The Public Service Commission invites applications for the positions of Programme Manager (Paying Authority) in the Department of International Relations, Ministry of Finance and Economic Affairs.

2.1. The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as a Programme Manager (Paying Authority) in the Department of International Relations, Ministry of Finance and Economic Affairs, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Programme Manager (Paying Authority) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidates are public officers they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of appointees who are not public officers, their service with the Department of International Relations, Ministry of Finance and Economic Affairs, as well

Affarijiet Ekonomiċi, kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk l-applikanti magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Programme Manager (Paying Authority)* u jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tagħhom jitla' għal aktar minn massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' ingaġġ tagħha kif ipprovdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ta' Lm7,652 (massimu ta' skala 7). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Il-kandidati magħżula jkunu intitolati għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħhom.

4.1. Waħda mir-responsabbiltajiet ewlenin ta' dan id-Dipartiment hija li jaġixxi bħala n-*National Authorising Office (NPO)* fl-immaniġġjar ta' l-*EU Pre-accession Funds* u, wara d-dħul fl-UE, bħala l-*Paying Authority* għall-immaniġġjar tal-fondi kemm dawk strutturali kif ukoll dawk tad-dħul.

4.2 Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Paying Authority)* jinkludu:-

(a) il-koordinazzjoni tar-risponsabbiltajiet tad-Dipartiment tal-Relazzjonjijiet Internazzjonali, id-Dipartiment tal-Kuntratti, it-Teżor u l-Awtorità dwar l-Implimentazzjoni;

(b) kontroll mill-viċin tal-proġetti li jkunu implimentati taħt il-*Pre-Accession Programmes* mill-bidu tat-tfassil sal-*Project fiche*, il-kuntratt, l-implimentazzjoni, l-ibaġġitjar/pagament u tħejjija ta'rapporti;

(ċ) li tirreġistra l-attivitajiet kollha indikati taħt punt (b) kif ukoll tiġbor informazzjoni adekwata li sservi bħala bażi għall-immaniġġjar finanzjarju tajjeb;

(d) li titlob lill-*Implementing Authority* biex jissottomettu perjodikament *budgets* u rapporti dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratti u r-regolamenti ta' l-UE;

(e) li tara li dawn ir-rapporti jkunu lesti għal meta jintalbu mill-awdituri kemm lokali kif ukoll dawk barranin;

(f) li tikkonsulta u tagħti parir lid-Direttur jew lill-Assistent tiegħu fuq nuqqasijiet u problemi sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri korrettiv fil-ħin;

(ġ) li żżomm kuntatt ma' l-Assistent Direttur *(Paying Authority)* partikolarment fuq allokazzjoni ta' *budget* u rappurtaġġ finanzjarju.

as with Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidates are Public Officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, they will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Paying Authority) and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered a subsequent renewal of the contract.

3.1. The salary attached to this position is equivalent to Lm7,652 (the maximum of Salary Scale 7). In the case that the selected applicants are Public Officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. The selected candidates will be entitled to a performance bonus of up to 10% of their salary.

4.1. One of the primary responsibilities of the Department is to act as the National Authorising Office (NPO) in relation to the management of EU Pre-Accession Funds and, following EU accession, as the Paying Authority in relation to the management of Structural and Cohesion funds.

4.2. The duties of a Programme Manager (Paying Authority) include:-

(a) co-ordinating the relevant responsibilities of the Department of International Relations (Paying Authority), the Department of Contracts, the Treasury and the Implementing Authorities;

(b) monitoring closely the projects which are implemented under the Pre-Accesion Programmes right from the initiation stage of drawing up the project fiche, to contracting, implementation, budgeting, payment, reporting;

(c) recording all activities indicated under (b) and compiling adequate records which should serve as basis for sound financial management;

(d) requesting Implementing Authority to submit periodic budgets and reports in line with contracts conditions and EU regulations;

(e) making such records available as and when required by auditors, whether local or foreign;

(f) consulting and advising the Director or his Assistant of any shortcomings and problems so that corrective action is taken in time;

(g) liaising with Assistant Director (Paying Authority) on project implementation, particularly with regard to budget allocations and financial reporting.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(b) ikollhom *degree* rikonoxxuta preferibbilment f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:- *Business Management, Accountancy, Economics, European Studies, Communication Studies* jew oqsma oħra relatati;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP 47);* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji);

(d) ikunu kapaċi li jikkomunikaw ma' ħaddieħor b'mod eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll bil-kliem u jkunu jafu sew il-lingwa Ingliża.

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni lil dawk il-kandidati li:-

a) għandhom rekord ippruvat fit-tħaddim ta' proġetti u esperjenza prattika fil-qasam;

b) juru inizjattiva, kreattività u impenn.

6. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal dawn il-pożizzjonijiet.

10. Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

11. L-applikanti magħżula li jsiefru biex jagħmlu korsijiet jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizz Korporattiv, Ministeru tal-Finanzi

5.1. Applicants must:-

a) be citizens of Malta;

b) be in possession of a recognised degree preferably in one of the following subjects:- Business Management; Accountancy, Economics, European Studies, Communication Studies or related fields;

(c) be of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language.

5.2. Due consideration will be given to candidates who:-

a) have a proven track record in project management and practical experience in the field;

b) demonstrate initiative, creativity and commitment.

